MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1044/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Ayoub Hanachi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ayoub Hanachi, iben Bachir u Fatima nee` Hamemi, li twieled fil-5 ta’ Lulju 1989, f’Tunez, residenti Flat 11, St. Patrick Court, Triq il-Punent, Msida u detentur tal-Passaport numru W283505:

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta’ Ottubru 2013, ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu (8:00 a.m.) gewwa San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti (Art. 96 tal-Kap. 9);

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 1281 Keith Bugeja u PC 507 Rhys Cassar, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti (Art. 221 tal-Kap. 9);

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95(1) tal-Kap. 9);

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art. 338(dd) tal-Kap. 9); u

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom (Art. 338(ee) tal-Kap. 9).

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4)

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, u wiegeb ukoll illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni registrata mill-imputat u a bazi tal-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Min-naha l-ohra, il-Qorti kkunsidrat ukoll in-natura tar-reati addebitati lill-imputat.

Il-Qorti qieset ukoll illi jezisti l-konkors formali jew ideali bejn id-delitti kkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. Il-konkors formali jista’ jsehh f’zewg cirkostanzi – wiehed minn dawn ic-cirkostanzi huwa meta l-istess fatt jikser zewg jew izjed disposizzjonijiet tal-ligi sabiex hekk jaghti lok ghal izjed minn imputazzjoni wahda. Kif jispjega l-Professur Sir Anthony J. Mamo fin-noti tieghu “*Lectures in Criminal Law*”:-

“*… in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single*

*action on the part of the offender and of one and the same criminal determination. This is perfectly in conformity with general principles, for there cannot be one offence where the several violations of the law are accompanied with as many criminal determinations, but only where they are the product of one single criminal determination, or in other words are accompanied with one formal element of the offence. That which therefore, prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.*"[1]

Kif jghid il-Professur Mamo, il-ligi taghna ma ssemmix b'mod esplicitu din il-forma ta' konkors, izda l-Qrati taghna accettaw u applikaw din id-dottrina f'diversi decizjonijiet (f'dan is-sens ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta' Awwissu 1998).

Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk:

"*The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation*".[2]

Illi ghalhekk stante illi jidher illi r-reati ikkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet sehhew bhala konsegwenza tal-istess fatt, il-piena li ghandha tinghata permezz tad-duttrina tal-konkors formali tar-reati, hija dik tar-reat l-izjed gravi ossia ghar-reat impostat fl-ewwel imputazzjoni.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95(1) u (2), 96(a), 221(1) u 222(1)(c), 338(dd), 338(ee) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u b'applikazzjoni tad-duttrina tal-konkors formali

[1] Pagna 152.
[2] Pagna 153.

tar-reati, kif fuq spjegat, u tal-Artikoli 17(d) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet ghal **piena ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u nofs** mid-data ta' din is-sentenza u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ghall-**ammenda ta' tmienja u hamsin Euro (€58)**, li ghandhom jithallsu mill-hati minnufih.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------